MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1219/2005

**Sunfish Co. Ltd**

**vs**

**MFV Eyborg**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

Is-socjeta' attrici f'April ta' 2005 giet appuntata bhala l-agent lokali tal-konvenut bastiment M/V Eyborg.

Is-servizzi li kienet tipprovdi s-socjeta' attrici kienu jikkonsistu principalment billi tesegwixxi l-ordnijiet li kienet tircievi minghand il-konvenut bastiment konsistenti fil-parti l-kbira fil-fornimenti, fil-manutenzjoni u li tisuplixxi provizjonijiet lill-konvenut bastiment u l-crew tieghu.

Illum hemm bilanc pendenti favur is-socjeta' attrici fis-somma ta' tmienja u tletin elf hames mija u tletin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm38,530.54) prezz ta' fornimenti ta' *spare parts*, *gas oil*, u flejjes mahruga mis-socjeta' attrici ghall-provizjoni ta' l-ikel ghall-crew u bzonnijiet ohra essenzjali ghall-bastiment, *berthing fees* u port *dues*, konsum ta' dawl u ilma u spejjes ohra kif spjegat fl-annessi dokumenti markati *'B', 'C', 'D', 'E', 'F', 'G', 'H'* u *'I'* rispettivament.

Minkejja interpellat jhallas dan l-ammont lis-socjeta' attrici, il-bastiment konvenut baqa' inadempjenti.

Dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, il-bastiment konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jissoleva.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Taqta u tiddeciedi l-kawza *a tenur* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 u *cioe'* bid-dispensa tas-smiegh.

2. Tikkundanna lill-bastiment konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u tletin elf hames mija u tletin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm38,530.54) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Tluq ta' Bastiment u Mandat ta' Qbid prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Lulju, 2005 kontra l-bastiment konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jirrapprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------